MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru. 1308/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARLOS CORDINA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**VS**

**BRENDA CARABOTT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brenda Carabott ta' 24 sena, bint Pierre u Josephine nee' Spiteri, mwielda Pieta' nhar l- 1 ta' Ottubru 1987, residenti gewwa 182, Dar Niki Cassar, Triq San Pawl, Valletta u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 445887M;

Talli fid- 19 ta' Novembru 2011 ghal habta tas- 18.00hrs gewwa l- Gzira u fil- Gzejjer ta' Malta;

1) Minghajr ordni skont il- Ligi tal- Awtorita' kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta l- hati, arrestat, zammet jew issekwestrat lil Ommissis detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 0522471M kontra l- volonta tieghu;

2) ukoll talli gewwa l- Gzira hedded u ngurjat lil Ommissis bi strument li jaqta' bil- ponta (sikkina);

3) ukoll talli minghajr ma darbet jew sawtet, hedded b' sikkina jew hwejjeg ohra iebsin lil Ommissis;

4) talli fid- 19 ta' Novembru 2011, minn fuq il- persuna ta' Ommissis fil- Gzira, kkommettiet serq ta' zewg credit cards tal- BOV, arlogg tal- ghamla Breil ta' valur €350, karta tal- Identita' Maltija u affarjiet ohra, ghad- detriment ta' Ommissis liema serq hu kkwalifikat bil- valur li jeccedi €2329.37, u bil-vjolenza;

5) ukoll talli f' dawn il- Gzejjer, xejntement laghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew xort' ohra sabiex tindahal biex tbiegh jew tmexxi;

6) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Gzira kkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Ommissis;

7) Fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl- imgieba taghha kkagunat lil Ommissis biza' li ser tintuza vjolenza kontrih, meta hi kienet taf jew messha taf li dik l- imgieba taghha se tikkaguna biza;

8) fil- Gzira u/jew fi bnadi ohra f' dawn il- Gzejjer, nhar id- 19 ta' Novembru 2011 ghall- habta tas- 18.00 u fix- xhur ta' qabel, f' post pubbliku jew f' post espost ghall- pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal- skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni taghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat il-“Pre-sentencing report” tal-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia;

**Ikkonsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputata, din il-Qorti qed issibha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u tista’ ghalhekk tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-fatti fil-qosor huma kollha kontenuti fiz-zewg stqarrijiet tal-imputata, esebiti fl-atti a folio 10 u 14 tal-process. Il-Qorti m’hix ser tirriproduci l-kontenut tal-fatti kif sehhew, minhabba fid-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-vittma. Il-Qorti sejra biss tittratta l-piena applikabbli ghal dan il-kaz, tenut kont tal-fatti u tac-cirkostanzi partikolari kif indikati lill-Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 86, 339 (1) (e), 339 (1) (b), 269 (g), 262 (a) (b) (c), 270, 279, 334(a), 221, 251 (b) tal- Kap 9 u Atikolu 7 tal- Kap 663 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin taht supervizjoni ta’ Ufficjal tal-

Probation, ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ sitt mija u hamsa w sittin ewro (€665) fi zmien sitt (6) xhur lil Ommissis ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------